MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-28 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 77/2005

**Sultana Gowdin Perit**

**vs**

**Gatt Michael**

It-Tribunal;

R al-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Inti konvenut tghid il-ghaliex m’ghandekx tigi kkundannat u dan prevja dikjarazzjoni li inti responsabbli, li thallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn dan it-Tribunal fi hlas ta’ danni li gew sofferti minnu konsegwenza tal-inadempjenza kuntrattwali da parti tieghek meta kellek tikkonsenja *kitchenette* tal-oak mastizz ghall-prezz ta’ disa’ mija u tmenin liri maltin (Lm980) u vanity ghall-kamra tal-banju ghall-prezz ta’ disghin liri maltin (Lm90) ghall-flat li l-attur ghandu f’Malta, u mhux biss inqast li taghmel u tikkonsenja dan ix-xoghol izda talli kont hadt lura xi bibien minn tal-kcina li kienu konsegwenza ta’ xoghol hazin da

parti tieghek u li inti bqajt sallum ma ssostitwejthomx bil-konsegwenza li l-mittenti ghadu sallum minghajr kcina kompluta u kif kien originarjament ordnaha.

Konsegwenza tal-inadempjenza kuntrattwali da parti tieghek, l-attur lanqas ma jista' jikri l-proprjeta' tieghu lill-Ghawdxin li jistudjaw u/jew jahdmu Malta u ghalhekk qed jitlef ukoll mill-flus tal-kera li ghandhom ukoll jittiehdu mit-Tribunal fil-komputazzjoni tad-danni.

Bl-ispejjez.

Ghall-fini ta' kompetenza, l-ammont li l-attur qed jippretendi f'danni ma jeccedix l-Lm1,500."

Ra r-risposta li tghid hekk:

"1. Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt, kif sejjer jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2. Illi x-xoghol pattwit ta' *kitchenette* ilu li tlesta u gie kkunsenjat mill-esponenti personalment lill-attur fl-appartament tieghu f'Malta, mis-sena 2002;
3. Illi minghajr prejudizzju ghas-suespost, ix-xoghol ta' injam u alterazzjonijiet maghmula nill-esponenti saru kollha skond l-arti u s-sengha;
4. Illi l-materjal tal-bank tal-kcina li dwaru ftehmu l-partijiet kellu jkun parti tat-triply u parti tal-mastizz;
5. Illi sussegwentement l-attur ordna illi jinbiddlu l-partijiet li kienu saru bil-materjal tat-triply sabiex isiru ukoll bil-mastizz u ordna li ssir *vanity* ghal kamra tal-banju. Ghal dawn ix-xogholijiet addizzjonali l-esponenti talab somma addizzjonali, li l-attur accetta li jhallas;
6. Illi sadanitant l-attur wettaq zewg pagamenti akkont tal-prezz;
7. Illi b'konsegwenza ta' ilma li dahal fl-appartament tal-attur fi Frar tas-sena 2004, partijiet tal-injam tal-kcina simnu b'mod li l-injam intlewwa u nfetah u l-attur talab lill-esponenti sabiex jinbiddlu l-bibien tal-kcina, li l-esponenti accetta li jaghmel bla hlas;

8. Illi l-esponenti ma kkunsenjax il-bibien mibdula u l-*vanity* ghar-raguni illi l-attur irrifjuta illi jhallas l-bilanc dovut fuq ix-xoghol illi kien ilu illi tlesta;
9. Ghaldaqstant huwa l-attur illi ma ottemporax mal-kundizzjonijiet pattwiti milhuq bejn il-kontendenti;
10. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Ra l-kontro-talba li tghid hekk:

"Peress illi l-esponenti wettaq fis-snin 2002 u 2003 xogholijiet ta' injam f'appartament proprjeta' tal-konvenut f'Malta konsistenti f'bank tal-kcina u vanity ghall-kamra tal-banju;

U peress illi dan ix-xoghol kollu jammonta ghal elf tlett mija u sebghin lira Maltija (Lm1,370) mill-liema ammont il-konvenut wettaq zewg pagament akkont, wiehed ta' seba' mitt lira Maltija (Lm700)  u iehor ta' mitejn lira Maltija (Lm200) kif sejjer jigi dettaljament ppruvat fil-mori tal-kawza.

Ghid inti konvenut ghaliex m aghandux dan it-Tribunal jikkundannak thallas lill-esponenti l-bilanc ta' erba' mija u sebghin lira Maltija (Lm470) dovut minnek lilu fuq xoghol ta' injam fil-fond tieghek."

Ra r-risposta ghall-kontro-talba:

"1. Illi x-xoghol tal-kcina kellu jsir ghall-prezz ta' disgha mija u tmenin liri maltin (Lm980), li minnhom gia' thallsu disgha mitt liri maltin (Lm900) u l-bilanc ta' tmenin liri maltin (Lm80) l-eccipjenti qatt ma rrifjuta li jhallsu appena l-kcina tigi kkonsenjata kollha billi ghad fadal partijiet minnha li l-konvenut ghadu ma kkonsenjax bhal xkaffar, u appena jinbdilu dawk il-partijiet minnha li ma sarux skond kif titlob l-arti u s-sengha, u jikkonsenja l-partijiet minnha li l-konvenut kien ha biex isewwihom;
2. Illi l-bathroom set li l-konvenut kellu jahdem ghall-eccipjenti, din ghadha giet ikkonsejata minnha biss l-vanity filwaqt li halla l-kumplament tax-xoghol la komplut u wisq aktar gie kkonsenjat. Il-prezz ta' disghin lira maltin

(Lm90) mitlub mill-konvenut ghal dan ix-xoghol, l-eccipjenti jkun lest li jhallsu appena jsir ix-xoghol kollu li kien gie ordnat u li jsir skond l-arti u s-sena;
3. Oltre l-ammonti hawn fuq imsemmija li flimkien jammontaw ghal Lm170, li l-esponenti qatt ma rrifjuta li jhallas purche' li x-xoghol isir kif ordnat u jigi lilu kkonsenjat kollu, kull pretensjoni ulterjuri ghal hlas mill-konvenut hija nfondata fid-dritt u fil-fatt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Ghamel evaluwazzjoni tal-provi akkwiziti

Ikkunsidra

Illi f'din il-kawza, il-kompitu tat-Tribunal huwa partikolarment difficli billi huwa rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti mhux biss dwar x'xkien il-ftehim originarjament pattuwit bejn il-kontendenti, imma wkoll dwar il-modifikazzjonijiet sussegwenti li saru ghall-ftehim originali, u wkoll jekk twettqux l-obbligi kuntrattwali rispettivi tal-partijiet.

Jinghad mill-ewwel li l-attur xejn ma kien konsistenti fix-xhieda tieghu:

Dwar il-prezz pattuwit: fl-avviz tat-talba jghid li l-prezz kien ta' LM980 ghal sett tal-kcina tal-oak mastizz u vanity tal-kamra tal-banju ghall-prezz ta' LM90. Fl-ewwel deposizzjoni tieghu ukoll jghid li l-prezz tal-kcina kien LM980 (fol 12)

Fl-istess deposizzjoni l-attur xehed li l-ewwel darba li tkellem mal-attur dwar il-vanity kien meta mar biex jigbor il-kcina, u mhux meta saret l-istima tal-kcina. Imma mistoqsi in kontro-ezami jekk il-vanity kinitx inkluza fl-istess stima huwa wiegeb fl-affermattiv (fol 22). Iktar tard fl-istess kontro-ezami, l-attur jghid li huwa talbu li ssirlu l-vanity minghajr ma sar ftehim fuq il-prezz. Id-diskors kien: "imbaghad nirrangaw" (fol 23) u "tahqarniex". Ghalhekk l-

attur irnexxielu jaghti dawn il-verzjonijiet differenti ghar-rigward tal-prezz:

1. ordna kitchenette tal-oak mastizz ghal LM980 u LM90 ghal vanity ghall-kamra tal-banju (ara avviz tat-talba
2. li l-prezz tal-kcina kien LM980 u li meta xar ix-xoghol fuq il-kcina sar ftehim iehor ghar-rigward tal-vanity set li l-prezz taghha kellu jigi nkluz fil-prezz tal-kcina
3. li dwar il-vanity ma sarx ftehim fuq il-prezz ghalkemm kellha tithallas apparti l-prezz tal-kcina
4. fl-avviz tat-talba jissemma li giet ordnata vanity biss, filwaqt li fid-deposizzjoni tieghu l-attur qal li ordna affarijiet ohrajn ghall-kamra tal-banju barra l-vanity u li izda ma sarux.
5. it-tieni darba li xehed, l-attur jaghti sahansitra verzjoni differenti: kien hemm ftehim ta' LM90 ghas-sett kollu tal-kamra tal-banju (fol 35).

In vista ta' dan, it-Tribunal ma jistax jaghti wisq affidament lill-provi tal-attur.

Anke dwar il-hlas li attwalment sar akkont jew ghas-saldu tal-prezz hemm zewg verzjonijiet: l-attur xehed (fol 13) li huwa hallas il-prezz totali, li jghid li kien ta' LM980, permezz ta' zewg pagamenti l-ewwel wiehed ta' LM200 u t-tieni ta' LM780. Huwa qal li hallas permezz ta' zewg cekkijiet li pprometta (fol 15) li jgib kopja taghhom izda naqas milli jzomm il-weghda tieghu. Imma fir-risposta ghall-kontro-talba tal-konvenut, l-istess attur giddeb lilu nnifsu billi qal li ghar-rigward tal-kcina kien hallas LM900 u li kien jonqsu bilanc ta' LM80 li kien lest ihallas appena x-xoghol jigi esegwit kollu (fol 30), filwaqt li ghar-rigward tal-vanity kien lest ihallas LM90 appena x-xoghol l-iehor tas-sett tal-kamra tal-banju jigu ezegwit.

Stranament ghalkemm mill-provi akkwiziti jirrizulta li fil-maggor parti taghhom in-negozjati saru mhux bejn l-attur u l-konvenut direttament imma minn missier l-attur (li sahansitra hallas il-pagamenti kollha li saru) u l-konvenut; u ghalkemm missier il-konvenut sahansitra anke xi drabi

kien prezenti fl-awla waqt is-smiegh tal-kawza, dan ma ttellax jixhed biex jikkorrobora dak li allega l-attur.

Il-konvenut fil-kontro-talba tieghu qal li l-prezz kien ta' LM1,370 li minnhom thallsu LM900 permezz ta' zewg pagament akkont ta' LM700 u LM200 rispettivament u li ghalhekk kien fada jithallas bilanc ta' LM470(fol 8). Skond il-konvenut mal-ordni tax-xoghol tal-kcina talab u nghata minn missier l-attur depozitu ta' Lm200. Jghid ukoll li l-ordni inizzjali kienet ghal bibien bil-frame tal-oak mastizz u triplejn fin-nofs izda din l-ordni sussegwentement giet mibdula billi sar ftehim gdid fis-sens li l-bibien kellhom isiru kollha kemm huma tal-oak mastizz b'zieda pattuwita bejn iz-zewg partijet ta' LM300.

Il-konvenut jghid li ghandu jiehu LM90 tal-vanity.

Rinfaccjat b'dawn iz-zewg verzjonijiet fir-rigward tal-prezz pattuwit, jew ahjar bid-diversi verzjonijiet li ta' l-attur u bil-verzjoni konsistenti li ta' l-konvenut, it-Tribunal jiskarta bla esitazzjoni ta' xejn il-verzjoni tal-attur u jaghti affidament lill-verzjoni tal-konvenut.

L-attur jallega wkoll li l-konvenut ghamel xoghol hazin specjalment fil-mincotti tal-bibien tal-cupboards tal-kcina, u sahansitra esebixxa wahda minn dawn il-bibien. Huwa minnu li dawn il-bibien m' humiex skond is-sengha u l-arti ghax maghmulin b'mod li l-bieba tkun dghajjfa hafna u tant hu hekk li uhud mill-bibien inbarmu. Il-konvenut hadhom lura biex jirringahom. Huwa jghid pero' li dawn imbarmu mhux minhabba xoghol hazin li ghamel imma minhabba li dahal l-ilma fl-appartament tal-attur. It-Tribunal mhux konvint li tabilhaqq dahal l-ilma fl-appartament. Imma kienet x'kienet ir-raguni, jibqa' l-fatt li l-konvenut accetta li jiehu lura uhud mill-bibien u jirrangahom a spejjez tieghu.

Jirrizulta mill-provi akkwiziti li l-konvenut kien lest li jikkompleta x-xoghol kollu, basta jithallas fil-pront, filwaqt li l-attur kien min-naha tieghu lest jaccetta x-xoghol pero' ppretenda li ma kellux ihallas daqs kemm ippretenda l-konvenut ghax, skond hu, il-kcina kienet orndata tal-ballut

mastizz mill-bidu nett. Bejn iz-zewg verzjonijiet, it-Tribunal jemmen dik tal-konvenut kemm minhabba li jqis ix-xhieda tal-attur bhala mhux fededenja in generali kif ukoll billi l-ordni ma saritx mal-attur innifsu imma ma' missieru li kien qieghed jidher ghan-nom tieghu u dan l-anqas biss gie prodott biex jixhed.

Ghalhekk l-attur ma jistax jirreklama danni ghax ix-xoghol ma giex komplut ghal raguni imputabbli ghall-istess attur u fi kwalunkwe kaz, anke kieku kellha tirrizulta, huwa ma gab l-ebda prova in sostenn tat-talba tieghu.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tal-attur ghad-danni bl-ispejjez kontra tieghu filwaqt li jilqa' l-kontro-talba tal-konvenut billi jikkundanna lill-attur ihallsu s-somma ta' LM470 bilanc tal-prezz pattuwit purke' dan l-ewwel ilesti x-xoghol tal-kcina li ma giex komplut. Spejjez tal-kontro-talba jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet. Spejjez tal-ittri legali tal-26.07.2004 u 06.09.2004 ukoll jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------